MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## S.T.O. PRIM IMHALLEF VINCENT DE GAETANO

Seduta ta' l-20 ta' Mejju, 2010

Appell Kriminali Numru. 90/2010

**Il-Pulizija**

**v.**

**Massimo Caruso**

**Il-Qorti**:

**1.** Dan hu appell, interpost minn Massimo Caruso (bin Antonio u Vera nee Spada, imwieled l-Italja fl-14 ta' Jannar 1973, detentur tal-karta ta' l-identita` nru 22119A) minn sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) fl-24 ta' Frar 2010. L-imsemmi Massimo Caruso tressaq akkuzat quddiem il-Qorti Inferjuri talli fil-31 ta' Lulju 2008, ghall-habta tal-11.00 a.m. fl-edifizzju tal-Qorti, il-Belt Valletta, (**1**) ittanta juza vjolenza u theddid kontra ufficjal pubbliku (l-Ispettur Jeffrey Cilia) bi ksur tal-Artikolu 91 tal-Kodici Kriminali, (**2**) attakka jew ghamel resistenza kontra l-istess Spettur, bi ksur tal-Artikolu 96(a) tal-imsemmi Kodici, (**3**) oltraggja lill-imsemmi Spettur b'ingurja w theddid bi ksur tal-Artikolu 95 tal-Kodici Kriminali, (**4**) ma

obdiex l-ordnijiet legittimi tal-imsemmi Spettur, jew ma halliehx jew fixklu waqt li kien qed jaghmel id-dmirijiet tieghu, jew indahal fi dmiru, bi ksur tal-Artikolu 338(*ee*) tal-Kodici Kriminali, kif ukoll (**5**) li kien recidiv fit-termini tal-Artikoli 49 u 50 tal-istess Kodici. Huwa tressaq il-Qorti b'arrest fuq dawn l-akkuzi fl-1 ta' Awwissu 2008.

**2.** Bis-sentenza moghtija fl-24 ta' Frar 2010, il-Qorti Inferjuri sabet lill-imsemmi Caruso hati skond it-tielet, ir-raba' u l-hames imputazzjoni (bir-raba' imputazzjoni assorbita fit-tielet wahda), izda lliberatu mill-imputazzjonijiet l-ohra, u kkundannatu xahrejn prigunerija.

**3.** L-aggravju tal-appellant jirrigwarda l-piena. Huwa jikkontendi li l-ewwel qorti interpretat skorrettament l-Artikolu 95 tal-Kap. 9. Skond l-appellant, il-piena applikabbli kellha tkun dik tal-kontravvenzjonijiet (Art. 252(2), Kap. 9) jew, in pessima ipotesi, dik ta' mhux aktar minn tliet xhur prigunerija (u ghalhekk minghajr minimu) jew multa (Art. 252(1)), b'mod li l-piena ghall-finijiet tal-Artikolu 95 ma kellhiex tizdied bi grad (kif stqarret li qed taghmel l-ewwel qorti proprju ghall-finijiet ta' dana l-artikolu).

**4.** L-appellant ghandu ragun. Is-subartikolu (2) tal-Artikolu 95 jipprovdi li "…il-piena ma tizdiedx meta hija dik stabbilita ghall-kontravvenzjonijiet", filwaqt li s-subartikolu (3) ikompli jipprovdi li "il-piena lanqas ma tizdied meta hija dik ta' prigunerija ghal mhux izjed minn tliet xhur, izda f'dan il-kaz, il-qorti tista', ma' din il-piena, izzid il-multa".

**5.** Issa, li wiehed jghajjar "korrott" u "mahmug" lil haddiehor certament jammonta ghal ingurja fit-termini tas-subartikolu (1) tal-Artikolu 252 tal-Kodici Kriminali. Il-piena hawn hija ta' prigunerija ghal zmien ta' mhux aktar minn tliet xhur, jew multa. Isegwi, ghalhekk, li b'applikazzjoni tas-subartikolu (3) tal-Artikolu 95, il-piena ma kelhiex tizdied bi grad – mentri l-ewwel qorti, kif jirrizulta mill-paragrafu 24 tas-sentenza appellata, kienet qed tapplika zieda ta' grad b'applikazzjoni tas-subartikolu (1) tal-Artikolu 95. Huwa veru li l-appellant kien ukoll recidiv (u ghandu fedina penali xejn sabiha, b'kaz iehor pendenti),

izda l-Artikolu 50 jaghmel iz-zieda ta' grad fil-piena fil-kaz tar-recidiva wahda fakoltattiva u mhux obbligatorja.

**6.** Din il-Qorti hadet in konsiderazzjoni wkoll l-informazzjoni moghtija mis-Sinjura Vicky Scicluna, tal-Agenzija Sedqa, fl-udjenza tal-14 ta' Mejju 2010, kif ukoll il-fatt li l-appellant kien ghamel apologija lill-Ispettur Cilia, u hi tal-fehma li ghandu jkun hemm temperament fil-piena erogata.

**7.** Ghall-motivi premessi, tilqa' l-appell u tirriforma s-sentenza appellata billi thassarha u tirrevokaha f'dik il-parti fejn l-appellant gie kkundannat xahrejn prigunerija **u minflok tikkundannah gimghatejn prigunerija**; u tikkonferma s-sentenza appellata fil-bqija.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------